# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 181/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana)

vs

**Carmel Sebastian Fenech**

iben Emanuel, imwieled ir-Rabat, fis-27 ta' April, 1960, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 309160(M)

Illum 13 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Carmel Sebastian Fenech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) Carmel Sebastian Fenech (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 309160M) ġie imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kiser l-istess dispozizzjoni tal-Liġi

u cioe' talli f'Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Ġzejjer, irrenda ruħu kompliċi billi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Edgar Bonnici Cachia, weġġħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9, iddikjarat il-proċeduri odjerni bħala preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-16 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-Liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi nhar is-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-esponent Avukat Generali rċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-atti tal-proċedura fl-ismijiet premessi u ħassu manifestament aggravat bihom in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi li wasslet għad-dikjarazzjoni tal-proċeduri bħala preskritti a tenur tal-Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi skont dak li jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), id-Difiża eċċepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 688(f) tal-imsemmi Kapitolu peress illi skont l-interpretazzjoni tal-provi prodotti da parte tad-Difiża, ma kienx jirriżulta illi l-inġurja kienet saret b'xi forma ta' kliem, ġesti, kitba, disinji jew b'xi mod ieħor li jinkwadra ruħhu fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 252(1) tal-Liġijiet ta' Malta iżda illi semmai, it-tip ta' inġurja allegata kienet dik li jikkontempla l-Artikolu 252(2) tal-imsemmi Kapitolu.

Illi l-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dawk l-inġurji li jsiru permezz ta' kliem, ġesti, kitba jew disinji fost modi oħrajn:

*Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

Naraw kif a fol. 15, Joanne Rizzo fl-affidavit tagħha tgħid **b'mod ċarissimu** kif kien Father Charles u cioe' l-appellat illi kien ġiegħelha tmur il-Kurja sabiex tiddikjara illi ma kienx minnu illi hu kien abbuża minnha sesswalment iżda li dawn kienu konġetturi ffabrikati minn Edgar Bonnici Cachia:

*Ftit wara ergajna bdejna r-relazzjoni, Fr Charles kien bagħatni l-kurja biex inwaqqa' r-rapport li kien hemm pendenti billi ngħid li kont xhedt falz u kien Edgar li kien ġegħelni ngħid hekk.*

Naraw ukoll kif din l-istess affermazzjoni Joanne Rizzo reġgħet tennietha f'email illi bagħtet lill-Ispettur Sandro Camilleri u li tinsab a fol. 18 tal-atti processwali:

*Fr. Charles Fenech plus li bagħatni l-kurja biex inwaħħal f'Edgar Bonnici Cachia bagħatni ukoll għand fr Charles J Scicluna li dak iż-żmien kien jiġi għand oħtu għal holidays minn Ruma kont mort inkellmu il-knisja Ħal-Lija biex ngħid li Edgar ġegħilni inwaħħal fih (dak iż-żmien li mort inkellem lil fr. Charles J Scicluna kien għadu ma laħaqx isqof)*
*U bagħatni ukoll għand il-provinċjal tiegħu fr. Paul Gatt op fil-kunvent ta' s.duminku ir-Rabat.*
*Naħseb dawn huma żewġ punti li huma importanti li inżidhom mal-istqarrija.*

Illi dawn id-dokumenti- kemm l-affidavit kif ukoll l-imsemmija email- jifformaw parti ntegrali mill-atti proċesswali u kwindi huma provi validi u ammissibbli illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx ma teżaminax sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha u permezz ta' eżami akkurat tagħhom jirriżulta kif Joanne Rizzo rrakontat kollox **<u>b'mod ċar u b'mod speċifiku u kwindi ċertament ma jistax jingħad illi l-Artikolu 252(2) tal-Kodiċi Kriminali għandu jsib applikazzjoni għall-każ in kwistjoni.</u>** Għalhekk, bir-rispett kollu dan kien biss tentattiv da parte tad-Difiża illi tiżvija

lill-ewwel Onorabbli Qorti u l-esponent ma jistax jifhem kif il-Qorti straħet b'għajnejha magħluqa fuq dak li sostniet id-Difiża u skartat għal kollox l-applikazzjoni tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwindi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi misjuba fl-atti proċesswali li wasslitha sabiex tagħmel applikazzjoni żbaljata tal-Liġi. Din l-istess applikazzjoni żbaljata tal-Liġi a sua volta waslet lill-Qorti sabiex tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 668(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara l-proċedimenti penali fl-ismijiet premessi bħala preskritti bil-perjodu ta' tlett (3) xhur. L-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe', kif diġa' ingħad, il-Liġi applikabbli għall-każ in kwistjoni, huwa preskritt b'terminu ta' sentejn (2) u mhux ta' tlett (3) xhur u dan ai termini tal-Artikolu 688(e) tal-imsemmi Kapitolu.

Illi għaldaqstant, b'applikazzjoni tat-terminu tal-preskrizzjoni kkontemplat fl-Artikolu 688(e) għall-każ de quo[1], jidher biċ-ċar illi l-proċedimenti ma kinux għadhom waqgħu bil-preskrizzjoni u għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta fid-deċiżjoni tagħha illi tiddikjara l-proċeduri kontra l-appellat bħala preskritti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-Avukat Ġenerali għax ħass li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u applikazzjoni ħażina tal-liġi.

---

[1] L-appellat jirrizulta illi kien innotifikat fl-7 ta' Lulju 2014 u l-akkuzi jidher illi jirrisalu ghall-perjodu ta' Dicembru 2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel.

Illi wara li fliet l-atti bir-reqqa din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet segwenti:

1. Minn dak li jidher a fol 15 fil-paragrafu 5.2 ’biex ngħid li kont xhedt falz li kien Edgar li kien ġegħilni ngħid hekk’’, jirriżulta ċar li l-kliem użat kellu jwassal għall-malafama fil-konfront tal-kwerelant. Għalhekk l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 kien japplika .

2. Għalhekk kien japplika l-Artikolu 688(e) tal-Kap 9 għall-preskrizzjoni tal-azzjoni u mhux l-Artikolu 688(f). Dan il-perjodu ta’ preskrizzjoni huwa ta’ sentejn.

3. Skont il-kliem taċ-ċitazzjoni l-atti ta’ malafama allegati saru ‘f’’Diċembru 2012 u fix-xhur ta’ qabel’.

4. Iċ-ċitazzjoni kienet ippreżentata fil-Qorti fl-4 ta’ Lulju, 2014 u l-imputat kien notifikat fis-7 ta’ Lulju, 2014.

5. Fil-paragrafu 5.2 a fol 15 m’hemmx indikat xi data ta’ meta l-imputat qal lil Joanne Rizzo l-allegat kliem. Biss fil-paragrafu ta’ wara -5.3-hemm referenza li ‘F’Lulju Fr Charles organizza ġita’. Jekk ir-relazzjoni fl-affidavit hija waħda kronoloġika dak li jingħad fil-paragrafu 5.2 seħħ qabel Lulju, 2012. Imbagħad ma hemm ebda data fl-email li tidher a fol 18 fid-dokument EBC3.

6. Mill-atti ma jirriżultax x’kienu d-dati u żgur mhux Diċembru 2012 meta, skont l-atti, l-imputat u Joanne Rizzo ma kinux għadhom flimkien. (Ara: Il_pulizija v Michael Cini tat-30 ta’ Lulju 2004 Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri Prim Imħallef Dr Vincent Degaetano fejn intqal : ‘*Mill-banda l-oħra, pero`, l-appellant għandu raġun għal dak li jirrigwarda l-parametri ta’ żmien tal-imputazzjonijiet. Għal xi raġuni li jafha biss l-uffiċjal li mexxa l-investigazzjoni u in segwitu l-prosekuzzjoni, l-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti fiż-żmien għall-“4 ta’ April 2002 u xahar qabel”.*

7. F’ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti qegħda tiddeċiedi li l-proċeduri huma preskritti għal raġunijiet differenti minn dak li tat il-Qorti tal-Maġistrati għaliex il-preskrizzjoni li kellha tapplika kienet dik kontemplata fl-artikolu 688(e) u mhux 688 (f).

Għaldaqstant, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.